# KAPITOLU 3

## LIĠI DWAR IL-LEGATI TAŻ-ŻWIEĠ

*Biex l-Arċisqof ta' Malta jissokta fl-amministrazzjoni tal-legati taż-żwieġ u biex tiġi regolata l-għażla għal dawn il-legati f'xi każijiet.*

(7 ta' Settembru, 1831)*

*Il-PROKLAMA NRU. VIII TA' l-1831, kif emendata bl-Ordinanzi: VIII ta' l-1840 u XIX ta' l-1938; u bl-Avviżi Legali: 4 ta' l-1963, 148 ta' l-1975, 181 ta' l-2006 u 346 ta' l-2008.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din il-Proklama huwa l-Liġi dwar il-Legati taż-Żwieġ.

Titolu fil-qosor.

**2.** L-amministrazzjoni tal-legati kollha taż-żwieġ li s'issa kienet imħollija f'idejn l-Arċisqof ta' Malta biss, għandha tibqa' u tissokta, sakemm ma jsirux disposizzjonijiet oħra fuq daqshekk, taħt it-triġija u l-kontroll ta' l-Arċisqof ta' Malta hawn fuq imsemmi jew tal-Vigarju Kapitolari *pro tempore.*

L-amministrazzjoni tal-legati taż-żwieġ għandha tibqa' f'idejn l-Arċisqof ta' Malta.

**3.** Mid-data ta' din il-Proklama 'l quddiem il-għażliet kollha għal dawk il-legati taż-żwieġ, li s'issa kienu taħt l-amministrazzjoni ta' l-Arċisqof ta' Malta biss, għandhom isiru minn Deputazzjoni ta' żewġ persuni jew iżjed, li jiġu maħtura għaldaqshekk, minn żmien għal żmien, mill-Arċisqof ta' Malta, jew mill-Vigarju Kapitolari *pro tempore*, bi ftehim mal-Prim Ministru.

Kostituzzjoni ta' Deputazzjoni għall-għażla għal-legati taż-żwieġ. *Emendat: A.L. 4 ta' l-1963.*

**3A.** L-imsemmija Kummissjoni għandha tirrispetta u tapplika l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Osservanza tal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba. *Miżjud: A.L. 346 ta' l-2008.* Kap. 490.

**4.** Il-membri ta' din id-Deputazzjoni għandhom jaħilfu li jagħmlu dawn il-għażliet skond il-ħsieb u l-fehma tal-fundatur jew fundaturi tal-legat li jkun, skond id-disposizzjonijiet tal-liġi.

Ġurament tal-kariga li għandhom jieħdu l-membri tad-Deputazzjoni.

**5.** Id-Deputazzjoni għandha, f'kull każ, tagħti avviż ta' l-għażla li tkun sejra ssir, bi tnedija fil-knisja parrokkjali, li fiha s'issa kienet soltu tiġi avżata din l-għażla; u dan l-avviż għandu jkun fih deskrizzjoni tal-legat, u tal-kwalifiki li jinħtieġu biex jista' jittieħed, u għandu jsemmi l-post fejn kull min jidhirlu li għandu jedd għal dak il-legat għandu jippreżenta jew jibgħat it-talba tiegħu, flimkien mad-dokumenti li jsaħħuha; u għandu wkoll jiffissa żmien, mhux anqas minn xahar u lanqas aktar minn sitt ġimgħat mit-tnedija fuq imsemmija, li wara l-għeluq tiegħu ma tista' tiġi ammessa ebda talba. U mill-aktar fis li jista' jkun, wara li jagħlaq iż-żmien hekk iffissat, id-Deputazzjoni għandha tgħaddi biex teżamina t-talba jew it-talbiet li jkunu ġew ippreżentati jew mibgħutin, skond l-avviż, iżda ebda talba oħra, u għandha tagħżel lill-persuna li jkollha l-aħjar jedd għal dak il-legat.

Proċedura li għandha tiġi mħarsa mid-Deputazzjoni.

**Ara* Gazzetta tal-Gvern Nru. 1075 tas-7 ta' Settembru, 1831.

Appell mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni.
*Emendat:*
*VIII. 1840.5;*
*XIX. 1938.2;*
*A.L. 148 ta' l-1975;*
*A.L. 181 ta' l-2006.*

**6.** (1) Mill-aktar fis li jista' jkun, wara d-deċiżjoni ta' kull każ, id-Deputazzjoni għandha toħroġ avviż ta' dik id-deċiżjoni fil-Gazzetta tal-Gvern; u kull min fost dawk li jkunu ippreżentaw it-talba tagħhom lid-Deputazzjoni jidhirlu li hu aggravat bil-għażla li saret, jista' jagħmel rikors ġuramentat fil-Qorti ta' l-Appell kontra l-persuna magħżula sabiex tidher u tgħid il-għaliex id-deċiżjoni tad-Deputazzjoni m'għandhiex tiġi mħassra, u l-legat li fuqu jkun hemm il-kwistjoni mogħti lill-attur.

(2) Is-sentenza li tingħata fuq dan ir-rikors ġuramentat mill-qorti hawn fuq imsemmija tkun finali.

(3) Jekk ir-rikorrent jitlef il-kawża, huwa jiġi ikkundannat għall-ħlas ta' l-ispejjeż.

(4) Jekk fi żmien xahar mill-ħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-avviż fuq imsemmi ma jkun ġie ppreżentat ebda rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tad-Deputazzjoni tkun finali.